**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 39 – IT-TNEJN 11 TA’ JANNAR 2010**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fis-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sur Joseph Camilleri | Kunsillier |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.**

1.1. Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru tmienja u tletin (38) kienu ntbagħtu lil kull membru tal -Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.2. Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

**2. KORRISPONDENZA.**

2.1. Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn il-15 ta’ Diċembru u l-11 ta’ Jannar 2010

2.2. Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 0049/10. Il-Kunsill Lokali talab laqgħa mas -Segretarju Parlamentari Jason Azzopardi biex jistaqsi dwar il-progress tad-devoluzzjoni ta’ l-art fi Pjazza Ninu Cremona għal l-bini tal-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

2.3. Il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 0053/10. Il-Kunsill Lokali reġa' talab l-għajnuna tal-Pulizija biex jieħdu passi kontra l -kllieb li hemm jiġġerrew fi Triq Ġużè Galea.

Doc. A u B anness

## 3. ILMENTI.

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn il-15 ta' Diċembru u l-11 ta' Jannar 2010, kif tidher annesa bħala document C.

3.2 Rigward talba Nru.15-12/1 biex jinqata' l-ħaxix fi Sqaq in-Namur. Il-Kunsill diġa ħa passi u t alab lil-kuntrattur biex jagħmel dan ix-xogħol.

3.3 Rigward talba Nru. 15-12/2 u 22-12/1 biex jinqata' l-ħaxix ħażin u perikoluz li hemm fuq il-bankina fi Triq il-Wied Il-Kunsill diġa ħa passi.

3.4 Rigward talba Nru.16-12/1 u 23-12/2 biex jerġa jintbagħtu l-Wardens fi Triq Dun Karm minħabba l-karozzi 'For Sale'. Il-Kunsill sejjer jieħu passi.

3.5 Rigward talba Nru. 24-12/1 biex titranga 'parking- bay' li hemm fi Triq Stefano Erardi peress li l-kaxxa hija żgħira wisq għal vettura tas-sid. Il-Kunsill sejjer jinvestiga dan il-kaz.

3.6 Rigward talba Nru. 08-01/1 dwar karozza fi Triq Ġużè Galea li tinsab bla liċenzja u tyres imnizzlin. Il-Kunsill kiteb lil Authorized Officer biex jieħu passi.

3.7 Rigward ilment Nru. 11-01/1 dwar vettura mgħottija fi Triq Patri Marjanu Vella biex titneħħa. Il-Kunsill sejjer jara x'jista' jsir fuqha.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' kredituri kif tidher annessa f'dokument immarkat D.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah il-Kunsillier Ronald Cauchi u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

## 5. MATERJI KONNESSI MA’ L-AWTORITA’ TA’ L-IPPJANAR.

5.1 Il-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet it-tagħrif dwar il-kontenut ta’ l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 03423/09 Biex tintrema tinda tal-canvas f’nru. 113, Triq Geronimo Abos. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.3 Dwar PA 02237/09 Tibdil u arranġamenti fuq permess PA 4561/04 ġewwa sit ix-Xwieki L/O tal-Iklin. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi approvata.

Dwar PA 02917/09 Biex tinbena bungalow, semi-basement u swimming-pool ġo Plot nru. 4 , Triq il-Wied. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata

5.4 Kien hemm applikazzjonijiet ġodda:
PA 05322/09 Biex jitpoġġew tabelli fi Triq Erin Serracino Inglott c/w Triq Anton Manwel Caruana mill-Kunsill Lokali Iklin.
. PA 05323/09 Biex jitpoġġew tabelli fi Triq Erin Serracino Inglott c/w Triq Gharghur mill-Kunsill Lokali Iklin.

## 6. IL-BUDGET 2010.

6.1 Is-Sindku Anthony Dalli beda biex qal li l-Kunsill beda jaħdem fuq il-Budget il-ġdid fejn l-Allokazzjoni għal din is-sena żdiedet bi €21,266 għall €216,142.

6.2 Mil-fondi tal-Kunsill Lokali s-Sindku ippropona li dawn kienu sejrin isiru dawn it-toroq: Parti minn Triq Geronimo Abos, parti minn Triq Erin Serracino Inglott, Sqaq Ġarda; Bankini fi Triq Patri Anastasju Cuschieri, Triq Ġuże Pesci u Triq Ċensu Busuttil bi sħab mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

6.3 Bi skema ġdida taħt “ il-Public Private Partnership” il-Kunsill kien sejjer jidħol għal żewġ toroq, parti minn Triq Ħwawar u Triq Frederick Borg fejn il-Kunsill joħroġ nofs l-ispiża.

6.4 Imbagħad bi proġett aktar ambizzjuż l-Kunsill sejjer jitlob l-għajnuna tal-Ġvern Ċentrali biex jibni mill-ġdid Triq il-Wied li fiha 1.1 kilometru tul.

6.5 Is-Sur Dalli talab lil-Kunsilliera li jekk għandhom xi proposti oħra dawn jgħadduhomlu. Hu talab l-approvazzjoni tagħhom fuq dawn il-proposti li semma.

6.6 Kulħadd qabel unanimament.

## 7. TRAFFIC MANAGEMENT FI TRIQ IL-MUŻIKA.

7.1 Is-Sur Dalli irrefera għal proposta tar-residenti biex Triq il-Mużika ssir "one-way" 'il barra lejn Triq Naxxar, Irċevejna 13 'il risposta, 7 favur u 6 kontra, iżda 2 kontra kienu ħwienet u mhux residenti.

7.2 Għaldaqstant il-proposta kienet favur li Triq il-Mużika ssir 'one-way' . Din tingħalaq minn Triq Naxxar u minn ħdejn Triq iċ-Ċitru. Vetturi li jinżlu minn Triq Stefano Erardi jistgħu jgħaddu għal Triq iċ-Ċitru. Vetturi li jduru minn Triq Geronimo Abos jibqgħu ħerġin lejn Triq in-Naxxar.

7.3 Din il-proposta għaddiet unanimament u l-Kunsill sejjer jikteb lill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta għall-approvazzjoni.

## 8. ATTIVITAJIET TAL- KARNIVAL.

8.1 Is-Sindku Anthony Dalli kien qed jipproponi li din s-sena l-attivita' tal-Karnival ssir ġewwa minħabba li s-sena l-oħra kien hemm attendenza fqira meta saret fil-miftuh.

8.2 Kien qed jipproponi li ssir fis-Sala tal-Knisja ta' Ħal-Lija fil-15 ta' Frar. It-tfal li jattendu jingħataw tifkira.

8.3 Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

## 9. WASTE SEPARATION.

9.1 Is-Segretarju nforma lill-Kunsilliera li kienet saret laqgħa mal-Assoċjazzjoni Green MT fejn dawn taw rendikont tas-servizzi li joffru dwar is-separazzjoni ta' l-iskart. Dawn is-servizzi kienu a) ġbir tas-separazzjoni tal-iskart (boroz ġriżi) b) Bring-in sites c) "packaging waste" tal-ħwienet (kartun).

9.2 Il-Kunsill, wara li kkunsidra wkoll l-offerta tal-Green Pak fejn magħha kienet saret laqgħa wkoll xi ġimgħat ilu, qablet li tuża s-servizz tal-Green MT.
Il-Green Pak kienu aktar ibbażati fuq Skips on Wheels, kbar u żgħar.

9.3 Għaldaqstant wara li l-proposta ġiet approvata unanimament, il-Kunsill Lokali sejjer jerġa jiltaqgħa mal-Green MT u l-kuntrattur tal-iskart tagħna biex nikkonkludu dan il-ftehim.

## 10. TRINKA TAL-VODAFONE.

10.1. Is-Sindku Anthony Dalli irrefera għat-Trenching Permit No. 1006/2009 tad-Ditta Vodafone fejn dawn kienu qed jitolbu permess biex jagħmlu trinka fi Triq Ħwawar minn ħdejn il-Liquid Club sal-kantuniera ma' Triq ir-Razzett l-Aħmar.

10.2 Il-Kunsill kien qed joġġezzjona ghal dan ix-xogħol minħabba li ftit snin ilu kien kesa din il-parti tat-triq bit-tarmac ġdid. Jekk kienet sejra tinfetaħ it-triq qatt ma terġa ssir kif kienet.

10.3 Wara li l-kumpanija reġgħet għamlet kuntatt mas-Sindku, il-Kunsill kien sejjer jagħmel proposta billi ssir nofs il-wesgħa tat-triq bit-tarmac u/jew isir kumpens ta' somma ta' flus biex jintefqu fuq tarmac fl-Iklin jew issir biċċa triq għas-spejjez tagħhom.

10.4 Din il-proposta ġiet approvata unanimament.

## 11. ANDAMENT TAL-ATTIVITAJIET TAL-KUNSILL.

11.1 Is-Sindku talab il-kummenti tal-Kunsilliera fuq l-attivitajiet tal-Milied.
Il-Kunsillier Margaret Zammit qalet li kollox mar tajjeb u nergħu nagħmlu l-istess sena oħra.
Il-Kunsillier Joseph Camilleri qal li hemm bżonn inżidu l-attivitajiet.
Is-Sur Dalli ħass li kollox mar sew, il-film tat-tfal, il-Bibita' tal-Kunsill u fuq kollox, l-attivita' tal-Presepju ħaj fuq iz-zuntier. Ħasra biss li ma kienx hemm aktar parteċipazzjoni mir-residenti.

11.2 Iżda għal-Milied ta' din is-sena il-Kunsill beħsiebu jagħmel din l-attivita' akbar u isbah billi japplika għal-fondi taħt waħda mill-iskemi offruti mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Din issir fit-triq ewlenija ta' Anton Buttigieg u tintrama` tinda kbira għall-okkazzjoni.

## 12. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.

12.1 Is-Sur Anthony Dalli ħabbar lil-Kunsill kien għadu kif irċeva "Draft" tal-Kuntratt tal-Art mingħand id-Dipartiment tal-Artijiet biex tiġi devoluta l'art fejn sejjer jibni l-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali fi Pjazza Ninu Cremona.

12.2 Il-proposta kienet ta' €950 ċens fis-sena fejn il-kuntratt kien għal tlett snin u jiġġedded kull tlett snin.

12.3 Il-Kunsill sab oġġezzjoni għal klawsola ta' tlett snin għaliex meta mar jitkellem mad-Dipartiment kien ingħata x'jifhem li l-kuntratt kellu jkun għal perijodu ta' ħamsin sena. Għaldaqstant hu sejjer jitlob spejgazzjoni biex jiċċara dan il-punt. Wara jsir il-kuntratt minnufih.

12.4 Imbagħad il-Kunsill jimxi mal-proċeduri stabbiliti fejn hu jinfurma lid-Dipartiament tal-Ġvern Lokali, jitlob permess għal-finanzjament mill-Ministeru tal-Finanzi.
Sejjer jitlob lill-Perit tal-Kunsill (li għamel il-pjanti kollha) biex joħroġ il-'Costings' kollha tal-proġett.
Issir konsultazzjoni pubblika u fl-aħħar japplika l-Mepa għal permessi meħtieġa.
Sejjer jistaqsi wkoll lid-Dipartiment jekk hemmx bżonn isir 'Referendum' minħabba li dan huwa proġett kapitali u peress li l-applikazzjoni saret is-sena l-oħra.

12.5 Kulħadd qabel unanimament li nimxu fuq dawn il-proposti.

12.6 Is-Sindku ħabbar ukoll li wara lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali ħareġ għadd ta' Memos, il-Kunsill sejjer japplika għal fondi biex jinstalla "Photovoltiac Panels" għall-uffiċċju ġdid tal-Kunsill u fondi għall-bini tal-Kunsill il-ġdid taħt l-iskema "Kunsilli Aċċessibbli".

12.7 Ħabbar ukoll li peress li quddiem il-Kunsill it-triq tkissret kollha u saret perikoluża għan-nies li jiġu l-Kunsiil, sejjer iqabbad lill-kuntrattur tagħna biex jagħmel wiċċ ġdid bil-konkos fil-parti fejn hemm it-taraġ tal-Kunsill sal-bankina ta' barra.

## 13. AĠĠORNAMENT

13.1 Il-Kunsillier Margaret Zammait talbet lis-Segretarju biex jgħaddi l-emails kollha tagħha fuq is-sit ellettroniku tal-Gvern.

13.2 Peress li ma kienx hemm iżjed x'niddiskutu, l-laqgha li jmiss sejra issir nhar it-Tnejn 25 Jannar 2010 fil-5.30pm.

13.3 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt il-laqgha tal-Kunsill tat-Tnejn 25 ta' Jannar 2010 fil-5.30 pm.

| | |
|---|---|
| **Anthony Dalli** | **Alfred Naudi** |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv. |